MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1/1992/1

**Ignatius Attard**

**Vs**

**Dr. Paul Coppini b'digriet ta' din il-Qorti tat-23 ta' Dicembru 1991 nominat kuratur sabiex jirraprezenta lill-imsiefrin Malcolm Main McSporram u martu Eyleen Lynette McSporram u b'nota tat-2 ta' Frar 1993 Dr. Alfred Grech LL.D assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Dr. Paul Coppini LL.D. bhala kuratur deputat ghan-nom tal-konvenut Malcolm McSporram**

**Kawza ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni ghaliex il-konvenuti m'onorawx l-obbligu li jixtru skond konvenju li ffirmaw fil-11 ta' Marzu 1991**.

Permezz ta’ din il-kawza l-attur qieghed jitlob likwidazzjoni u hlas ta’ danni minghand il-konvenuti ghaliex huma naqsu milli jonoraw konvenju li ffirmaw fil-11 ta’ Marzu 1991 u li permezz tieghu obbligaw ruhhom li jixtru minghand l-attur il-fond numru 19, Triq Wied Sara, Victoria, Ghawdex versu l-prezz ta’ wiehed u tletin elf lira Maltija (Lm31,000), liema bejgh kellu jsir fi zmien xahrejn minn meta johrog il-permess mill-Ministeru tal-Finanzi u liema permess inhareg fit-13 ta’ Novembru 1991.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fl-20 ta’ Jannar 1992[1], il-kuratur deputat Dr. Paul Coppini eccepixxa li ma kienx edott mill-fatti u ghalhekk irrimetta ruhha ghall-provi.

Permezz ta’ nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata fit-22 ta’ Gunju 1994[2], il-konvenuti eccepew li:-

1. It-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda peress li l-konvenju skada, u huwa minghajr effett bil-konsegwenza li jekk dak il-ftehim ma baqax vinkolanti, ma kellhom ebda obbligazzjoni l-konvenuti li jadempixxu l-parti taghhom u ghalhekk *qui suo iure utitur non videtur iniuriam facere*.
2. Illi l-uniku azzjoni naxxenti favur l-atturi in forza tal-konvenju tal-11 ta’ Marzu 1991 hija dik tal-esekuzzjoni specifika tal-istess konvenju u mhux ghad-danni kif qeghdin jippretendu l-atturi.

Il-Qorti rat l-atti tal-kawza kollha.

Rat li din il-kawza ilha snin pendenti wara li kien qieghed jigi ddikjarat li qeghda tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra[3], li pero’ llum jirrizulta li fit-23 ta’ Gunju 2004 il-kawza l-ohra marret dezerta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum wara li l-konvenuti naqsu milli jressqu provi.

---

[1] Fol. 10.
[2] Fol. 38.
[3] Dr. Alfred Grech noe vs Ignatius Attard (Citaz. Numru 109/94).

Ikkunsidrat,

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fil-21 ta’ Jannar 1991 l-attur dahal f’konvenju mal-kumpannija Ta’ Frenc Real Estate Company Limited li permezz tieghu obbliga ruhu li jixtri l-fond numru 19, Triq Wied Sara, Victoria, Ghawdex ghall-prezz ta’ Lm15,000[4]. Il-konvenju kien validu ghall-perjodu ta’ sena.
(b) Fil-11 ta’ Marzu 1991 il-kontendenti ffirmaw konvenju[5] u li permezz tieghu l-konvenuti obbligaw ruhhom li jixtru l-fond numru dsatax (19), Triq Wied Sata, Victoria, Ghawdex. Klawzola numru erbgha (4) taqra:- ***“Final deed shall be entered into within two months from the date of issue of the Ministry of Finance Permit”***.
(c) Permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Mejju 1991, in-nutar Dr. Paul George Pisani baghat igharraf lill-konvenuti li fit-12 ta’ Mejju 1991 inhareg il-permess mill-Ministeru tal-Finanzi[6]. Giet prezentata kopja ta’ ittra mibghuta mill-Ministeru tal-Finanzi lill-istess Finanzi, datata 12 ta’ Mejju 1991[7], li taqra: *“With reference to your application for the acquisition of property at Victoria, Gozo in terms of the above-mentioned Act, you may collect the permit from this Ministry against a payment of Lm100”*. Madankollu l-permess ezebit fl-atti huwa datat 13 ta’ Novembru 1991[8].
(d) Permezz ta’ ittra datata 19 ta’ Settembru 1991[9], il-konvenuti talbu rifuzjoni tad-depozitu minghand in-nutar Paul George Pisani fuq il-pretest li *“….this agreement has now lapsed and my clients do not intend to complete the sale”*.
(e) F’Novembru 1991 l-attur ipprezenta ittra ufficjali li permezz taghha nterpella lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att ta’ bejgh[10].

---

[4] Fol. 103.
[5] Fol. 6.
[6] Fol. 46.
[7] Fol. 45.
[8] Fol. 16.
[9] Fol. 49.
[10] Fol. 111.

(f) Il-konvenuti ma resqux ghax-xiri tal-proprjeta u jsostnu li l-konvenju kien diga' skada. Min-naha tieghu l-attur ighid li ma pprezentax kawza sabiex igieghel lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt peress li *"….l-konvenuti jinsabu residenti fl-esteru u ma ghandhomx x'jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-prezz, mhux prattiku li l-attur jipprocedi ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt"*[11].

(g) Il-konvenuti jippretendu li l-konvenju m'ghadux jorbot u li anzi ghandhom jithallsu lura d-depozitu li thallas ta' tlett elf u mitt lira Maltija (Lm3,100).

(h) Fit-2 ta' Jannar 1991 l-attur ipprezenta kawza u talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu d-danni li huwa sofra minhabba li huma naqsu milli jixtru l-proprjeta'.

(i) Fit-18 ta' Marzu 1992 il-proprjeta' inbieghet minn Ta' Frenc Real Estate Company Limited lil SJ.S. Limited versu prezz ta' hmistax-il elf lira Maltija (Lm15,000)[12].

(j) Bhala danni l-attur qieghed jippretendi s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) spejjez li jghid li ghamel ghall-hrug tal-permess mill-Ministeru tal-Finanzi, kif ukoll is-somma ta' sittax-il elf lira Maltija (Lm16,000) qliegh li jghid li kien jaghmel kieku l-konvenuti onoraw il-konvenju; *"jiena kont se nixtri l-proprjeta' minghand Frenc Real Estate Limited bil-prezz ta' Lm15,000 u nbieghha lil Mc Sporran bil-prezz ta' Lm31,000"* (fol. 98).

2. Bla dubju l-konvenju kien ghadu jorbot lill-partijiet meta giet prezentata din il-kawza. Dan peress li kienu ghadhom m'ghaddewx xahrejn mid-data meta hareg il-permess mill-Ministeru tal-Finanzi (13 ta' Novembru 1991). Minn xhieda moghtija minn Joseph Carter (mill-Ministeru tal-Finanzi)[13] fil-kawza fl-ismijiet inversi jirrizulta li l-permess hareg fit-13 ta' Novembru 1991, igifieri meta sar il-hlas ta' Lm100 li n-nutar gie mitlub ihallas skond l-ittra mibghuta mill-Ministeru tal-Finanzi datata 12 ta' Mejju 1991[14]. Kien meta nhareg il-permess, li kopja tieghu

[11] Paragrafu 7 tad-dikjarazzjoni guramentata tal-attur (fol. 4).
[12] Kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Pierre Cassar (fol. 17-20).
[13] Fol. 116-120.
[14] Fol. 45.

tinsab a fol. 16 tal-process li l-bejgh seta' jsir. Huwa pacifiku illi *"z-zmien jibda jghaddi mhux mid-data ta' l-iskrittura tal-konvenju izda mill-jum li fih il-bejgh ikun jista' jigi effettwat u ghandu jigi ritenut sospiz f'kaz ta' ostakoli komuni ghal kontraenti u minnhom maghrufin."* (**Vol. XXXIV P I p 280; Vol. XLV P I p 216**)[15]. Mix-xhieda ta' Joseph Carter, il-Qorti qeghda tifhem li l-ittra tat-12 ta' Mejju 1991 kienet intiza bhala avviz li l-permess kien ser johrog mal-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100). Tant hu hekk li l-permess hareg kif sar il-hlas f'Novembru 1991. Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx li x-xahrejn ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt skadew xahrejn wara li ntbaghatet l-ittra datata 12 ta' Mejju 1991 mill-Ministeru tal-Finanzi.

3. Ghall-ezitu ta' din il-kawza wiehed irid ukoll jiddetermina jekk l-azzjoni attrici tistax tirnexxi gialadarba mill-provi rrizulta li ma pprezentax kawza biex igieghel lill-konvenuti jonoraw il-konvenju u b'hekk jixtru l-fond numru 19, Triq Wied Sara, Victoria, Ghawdex. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili, l-effett tal-weghda ta' bejgh spiccat kif ghaddew ix-xahrejn mit-13 ta' Novembru 1991 (data tal-hrug tal-permess mill-Ministeru tal-Finanzi).

4. L-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:-

*"(1) Il-weghda ta' bejgh ta' haga bi prezz determinat, jew bi prezz li ghandu jigi stabbilit minn persuna wahda jew izjed bhalma jinghad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgh; izda, jekk tigi accettata, iggib, f'dak li wieghed, l-*

---

[15] *"Invece, dak li hu vitali hu l-fatt tan-nuqqas ta' interpellazzjoni ufficcjali mill-konvenut biex ix-xerrej promittent jersaq ghall-pubblikazzjoni ta' l-att. Ma ngiebet l-ebda prova li saret ittra ufficjali bhal din u allura meta tirrikorri cirkostanza bhal din meta jaghlaq iz-zmien u ebda wahda mill-partijiet ma tkun hadet il-passi mehtiega biex iggieghel lill-parti l-ohra tersaq ghal kuntratt, il-konvenju jitlef l-effikacja tieghu, u kollox jerga' ghall-istatus ante quo. Ara decizjonijiet fl-ismijiet "**Loreto Abela –vs- Teresa Spiteri**", Appell Civili, 30 ta' Ottubru 1989; "**Pauline Manche –vs- Joseph Farrugia et**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999"* (**Jason Formosa et vs Carmelo Sammut** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef P. Sciberras) fit-28 ta' April, 2003).

*obbligu li jaghmel il-bejgh, jew,* ***<u>jekk il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir</u>****, l-obbligu li jhallas id-danni lill-accettant.*

*(2) L-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il partijiet ghal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bhal dak, meta jghaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgh ikun jista' jsir, kemm-il darba l-accettant ma jsejjahx lil dak li wieghed, b'att gudizzjarju pprezentat qabel ma jghaddi z-zmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jaghmel il-bejgh, u kemm-il darba, fil-kaz li dak li wieghed jonqos li jaghmel hekk, it-talba b'citazzjoni sabiex titwettaq il-weghda ma tigix ipprezentata fi zmien tletin jum minn meta jaghlaq l-imsemmi zmien".*

5. Huwa fatt maghruf li meta konvenju jiskadi minghajr hadd mill-kontendenti ma jiehu mizuri gudizzjarji li tikkontempla l-ligi sabiex jinfurzaw id-drittijiet u obbligi reciproci pattwiti fil-konvenju, dak il-konvenju jitlef l-effett tieghu u l-partijiet jitqieghedu fil-posizzjoni li kienu qabel iffirmaw (ara f'dan is-sens sentenzi riportati fil-Volum LXXII.ii.828 u LXXXVII.ii.316).

6. Il-gurisprudenza hi fis-sens li talba ghad-danni m'hijiex sostenibbli jekk ma tigix segwita l-procedura kollha kontemplata fl-Artikolu 1357 u cioe' li ssir l-interpellazzjoni b'att gudizzjarju prezentat qabel ma jghaddi z-zmien pattwit, u tigi prezentata citazzjoni fiz-zmien li trid il-ligi. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawzi fl-ismijiet:-

(a) **Aldo Ciantar vs Alfred Vella** deciza mill-Qorti tal-Kummerc (Onor. Imhallef G. Mifsud Bonnici) fit-18 ta' Novembru 1988.
(b) **M. Brownrigg et vs Taddeo sive Teddy Camilleri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Frar 1990;
(c) **Anthony Vella noe vs Alan Clifford Jones** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef J. Said Pullicino) fit-28 ta' Frar 1992.

(d) **Amabile Gatt et vs Joseph Mary Vassallo et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Franco Depasquale) fis-16 ta' Lulju 1996.

(e) **Carmelo Silvio vs Loreta Casha** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef G. Valenzia) fit-30 ta' Novembru 1998.

(f) **Perit Anthony Camilleri vs Josephine Agius et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef G. Valenzia) fit-30 ta' Novembru 1998.

(g) **Karl Bonello nomine vs Emanuel Baldacchino et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999[16].

(h) **Alexandra Jenkins vs Emanuel Bianco et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef G. Valenzia) fit-30 ta' Mejju 2001[17];

(i) **James Stagno Navarro vs Diana Carson** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef A. Magri) fit-30 ta' Mejju 2001[18].

---

16 *"L-appellant minn naha tieghu u in risposta ghall-appell qanqal il-punt legali l-iehor, li ma jissemma' xejn mill-appellanti, li qabel ma skada l-konvenju, dawn naqsu milli jinterpellawh a tenur ta' l-artikolu 1357 tal-Kap. 16, bir-rizultat kwindi li l-effett ta' din il-weghda jispicca meta jaghlaq iz-zmien miftiehem bejn il-partijiet kontraenti ghalhekk. Ghalhekk ukoll il-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti qeghdin jippretendu u jirreklamaw hlas ta' danni konsegwenzjali (ara wkoll l-artikolu 1137 tal-Kap. 16 citati mill-appellat)".*

17 *"Indipendentement minn xi htija ta' l-attrici, jekk il-konvenuti vendituri riedu li l-kuntratt isir, jew li l-attrici kompratrici, issofri l-konsegwenzi (danni li l-konvenuti allegatament batew) huma kellhom a tenur ta' l-artikolu 1357(1)(2) tal-Kap. 16 jinterpellaw ufficjalment lill-attrici biex tersaq ghall-kuntratt bil-konsegwenza li jekk allura hija tibqa' inadempjenti, hi kienet tbati l-konsegwenzi. Skond dana l-artikolu l-konvenuti kellhom jipprezentaw ittra ufficjali qabel jiskadi t-terminu tal-konvenju li biha jsejhu l-parti l-ohra biex tersaq ghall-bejgh in kwistjoni u fin-nuqqas li l-parti l-ohra tersaq, jipprezentaw citazzjoni fi zmien tletin gurnata minn dakinhar li jkun skada l-istess terminu".*

18 *"....Is-subinciz (2) ta' l-artikolu citat jghid x'ghandu jsir sabiex l-parti interessata izzomm ferm l-effetti tal-weghda - fosthom l-obbligu ghall-hlas tad-danni. Dan l-artikolu jobbliga l-parti interessata li, fl-ewwel lok, entro it-terminu tal-konvenju, tinterpella lill-parti inadempjenti biex tersaq ghall pubblikazzjoni tal-kuntratt u fin-nuqqas, taghmel talba gudizzjarja sabiex titwettaq dik il-weghda.*
*Fil-kaz in ezami ghalhekk kien jinkombi l-atturi li jiehdu dawk l-passi kollha mehtiega a termini tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 1357 u f'kaz li jirrizulta, minn dawk il-proceduri, li l-weghda ma tkunx tista' tigi attwata b'xi nuqqas tal-konvenuta odjerna, l-obbligu tal-hlas tad-danni kontemplati fl-artikolu citat jiehu effett. Dawn il-proceduri huma mehtiega sabiex jigi stabbilit jekk l-inadempjenza tal-konvenuta kienx legittimu jew le. U fil-kaz ta' nuqqas mhux gustifikat li l-istess konvenuta ghandha tigi kundannata thallas xi danni. Hawn izda jidher li l-atturi ma ghamlu xejn minn dan – kull ma jghidu hu li l-konvenuta naqset milli tersaq fuq l-att definittiv kif kienet obbligata li taghmel bil-konvenju u li konsegwentement hija responsabbli ghad-danni. Dan fil-fehma ta' din il- Qorti ma jissodisfax l provvedimenti ta' l-artikolu citat".*

(j) **Carmelo Schembri et vs Paul Micallef et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef A. Lofaro) fit-28 ta' Frar 2007.
(k) **Paul Tanti proprio et noe et vs Sammy Mifsud et proprio et noe** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef Tonio Mallia) fis-27 ta' April 2007.

Fil-kawza fl-ismijiet **Dominic Cutajar et vs John Debono et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Onor. Imhallef G. Caruana Demajo) fit-28 ta' Frar, 2003, il-Qorti ddikjarat li kien hemm dritt li jintalab il-hlas tad-danni fejn il-venditur biegh il-proprjeta' lil terzi waqt li kien ghadu marbut mal-atturi. F'tali cirkostanzi, il-Qorti kkonkludiet li l-kompraturi kienu gustifikati li jfittxu ghar-rimedju alternattiv (dak ghad-danni minflok ghat-twettiq tal-bejgh) peress li l-bejgh ma setax iktar isir minhabba l-ghemil tal-venditur li fil-frattemp kien biegh il-proprjeta' lil terzi.

7. Minn qari tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili jidher bic-car li l-ligi tikkontempla danni f'kaz ta' konvenju ghall-bejgh ta' proprjeta' meta l-bejgh ma jkunx jista' jsir izjed. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li parti tirrifjuta li tersaq ghall-kuntratt finali m'huwiex fih innifsu bizzejjed biex wiehed jargumenta li l-bejgh ma jistax isir peress li l-ligi taghti rimedju sabiex min jirrifjuta jigi mgieghel jonora l-konvenju. L-attur isostni li huwa fittex ghad-danni ghaliex il-konvenuti jghixu barra minn Malta u m'ghandhomx x'jaghmel tajjeb ghall-hlas tal-prezz. Fil-fehma tal-Qorti din l-allegazzjoni (jigi rilevat ukoll li f'dan ir-rigward ma tressqux provi) wahedha m'hijiex bizzejjed biex wiehed jasal ghal konkluzjoni li dan huwa kaz fejn "***il-bejgh ma jkunx jista' izjed isir***"[19] (Artikolu 1357 tal-Kodici Civili), apparti l-fatt li m'hemmx prova ta' dan. Il-Qorti fehemet, li l-attur ghazel din it-triq ghaliex hu stess kien qieghed fuq konvenju biex jixtri din il-proprjeta' u ma riedx jixtriha peress li l-konvenuti kienu qeghdin jirrifjutaw li jixtru

[19] Fil-kawza fl-ismijiet **Steve Cachia et vs Nicholas Cutajar et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Lulju 2005, il-Qorti ddikjarat li meta fond m'huwiex kopert minn permessi ta' bini, jikkwalifika bhala kaz fejn il-bejgh ma jistax isir ghaliex il-venditur ma setghux jaghtu l-garanzija tal-pacifiku pussess. F'dawk ic-cirkostanzi l-Qorti ddikjarat li l-kawza biex iggieghel lill-vendituri jbieghu l-proprjeta' saret inutilment.

ghaliex kienu qeghdin jippretendu li l-konvenju kien skada u ghalhekk ma kienux ghadhom marbutin li jixtru l-proprjeta'. Gialadarba l-attur kellu l-mezzi legali sabiex jinforza l-bejgh u hu ghazel li ma jaghmilx uzu minnhom ghar-ragunijiet tieghu, ma jistax jippretendi l-hlas ta' danni. Il-Qorti m'hijiex konvinta li mill-provi li tressqu fiz-zmien meta giet intavolata din il-kawza (2 ta' Jannar 1992), il-bejgh ma setax isir. Li hu cert hu li iktar 'il quddiem il-bejgh ma setax isir ghaliex l-attur kien diga' ddecida li gialadarba l-konvenuti kienu qeghdin jirrifjutaw li jixtru l-proprjeta', ma kellux jakkwista l-fond minghand is-sid. Kieku wiehed kellu jaddotta r-ragunament tal-attur ikun ifisser li kull meta kompratur jirrifjuta li jersaq fuq l-att finali, allura l-bejgh ma jistax isir u awtomatikament l-venditur ikollu d-dritt li jitlob id-danni minghajr ma jsegwi l-procedura kontemplata fl-Artikolu 1357(2) tal-Kodici Civili. Fil-fehma tal-Qorti din m'hijiex l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili (Kap. 16). Ir-rimedju li toffri l-ligi huwa dak li ggiehel lill-kompratur li jersaq ghall-kuntratt. Id-dritt li wiehed jitlob id-danni huwa biss ta' natura sussidjarja fejn il-bejgh ma jkunx jista' jsir, u dan indipendentement mill-volonta' tal-venditur li bhall-attur ikun ghazel it-triq li ma jakkwistax il-proprjeta' minghand is-sid attwali tal-proprjeta' ghaliex isostni li l-kompratur ma ghandux x'jaghmel tajjeb ghall-prezz. Certament li l-attur ma jistax jillamenta li l-bejgh ma setax isir, ghaliex kif rajna kellu l-mezzi legali a disposizzjoni tieghu sabiex igieghel li jsehh. Kif wara kollox gie osservat fil-kawza **Anthony Vella noe vs Alan Clifford Jones deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili** fit-28 ta' Frar 1992, *"il-Qorti ma tarax taht liema figura legali l-attur nomine jista' javvanza pretenzjoni ghall-kundanna ta' danni prekontrattwali meta ex admissis ma usufruwiex mir-rimedju li l-ligi stess taghtih ex contractu"*..

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti (nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata fit-22 ta' Gunju 1994), tichad it-talbiet tal-attur.

Spejjez kollha huma a karigu ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------